**26 ta Frar, 1964,**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri, LL.D.**

John Zammit

*versus*

Emmanuele Caruana

**Arrest personali — nullità taċ-ċitazzjoni.**

***Skond l-art. 360 tal-proċedura Ċivili talba għall-arrest personali tista issir anke jekk il-kreditu tal-attur ikun inferjuri għassomma ta' £20, mingħajr ma jingħaddu l-ispejjes, iżda dejjem skond l-istess liġi il-Qorti tista tilqa din it-talba meta jiġi pruvat li d-debitur kien ħati ta' egħmil dolus jew ta frodi, jew fl-ikkuntrattar tad-dejn, jew billi jkun ħeba jew neħħa ħwejġu sabiex jiffroda lill-krediturl.***

***L-arrest personali "per dolo e frode" għandu jiġi applikat f'każi estremi, meta l-kreditur ma setgħax jottjeni l-ħlas b'mod ieħor u l-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna waslet sal-pont li imponiet f'ċerti każi lill-kreditur l-esperiment tal-azzjoni Pawljana qabel ma jaġixxi għall-arrest personali.***

***Hu ukoll paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi it-talba għall-arrest personali b'dolo jew frodi ma għandiex tiġi milqugħa jekk ma tkunx intalbet dik id-dikjarazzjoni in via prinċipali.***

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji mogħtija l-provvediment opportuni; peress illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Frar,

1963 fl-ismijiet John Zammit vs. Emmanuele Caruana l-attur gie kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma ta' erbgħatax il-lira u nofs (£14.10.0) oltre l-ispejjeż tal-kawża ammontanti għal £12.15.1. skond l-annessa taxxa Dok. A; u peress illi d-debitu kanonizzat favur l-attur origina minn atti dolusi jew frawdolenti tal-konvenut konsistenti f'dikjarazzjonijiet foloz magħmula mill-konvenut dwar l-età u l-identità tiegħu; u peress illi sussugwentement għall-kawża imsemmija l-konvenut ikkommetta atti dolusi jew fraudolenti oħra konsistenti filli biegħ oggetti maqbuda in esekuzzjoni ta' mandat ta' elevazzjoni maħruga in esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza — talab li din il-Qorti in esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza tordna l-ħrug ta' mandat ta' arrest tal-persuna kontra l-konvenut; bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu, kif ukoll id-dokument (dok a) minnu esibit;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi l-att taċ-ċitazzjoni hu null peress li ma saritx talba biex jigi li l-konvenut agixxa dolożament jew bi frondi; illi mingħajr pregudizzju għall-ewwel eccezzjoni, il-konvenut ma agixxiex dolożament jew bi frodi.

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Li l-attur talab biss il-kundannat tal-konvenut għall-arrest personali fuq kawżali fejn qiegħed jallega li l-konvenut għar-ragunijiet hemm indikati; agixxa dolożament u bi frodi, u għalhekk trid tigi eżaminata l-kwistjoni, jekk finnuqqas ta' talba opposita, l-attur jistax jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-arrest personali għal dolo jew frodi.

Ikkunsidrat:

Li skond l-art. 360 tal-proċedura Ċivili talba simili tista' issir, anke jekk il-kreditu tal-attur ikun inferjuri għas-somma ta' għoxrin lira, mingħajr ma jingħaddu l-ispejjeż (Kollez. XXIX, 111, 294) iżda dejjem skond l-istess liġi l-Qorti tista' tilqa' dina it-talba meta jiġi pruvat li d-debitur kien ħati ta' egħmil dolus jew ta' frodi, jew fl-ikkuntrattar tad-dejn, jew billi jkun ħebba jew neħħa ħwejġu sabiex jiffroda lill-kredituri (art. 359 (a) Proċ. Ċiv.).

Ikkunsidrat:

Li fl-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu l-Qorti għandha tindaga "la intenzione di nuocere e il danno reale dei creditori (Kollez. XIII, 507, XV, 631); u dawna huma preċiżament l-elementi tal-frodi ċivili kontemplati mill-liġi (Kollez. XXXVII, 111, 816); għalhekk, huwa meħtieġ li f'kawża ta' arrest personali, it-talba fejn għandhom jiġu pruvati dawna l-elementi għandha tiġi dedotta espressament (kollez. XXIX, 111, 287); għaliex altrimenti, il-liġi fl-artikolu fuq ċitat, ma kinitx tuża l-kliem "Meta jiġi pruvat." F'dina l-materja, biex il-Qorti tkun tista takkorda l-arrest personali, l-aħjar prova huwa l-pronunzjament tal-istess Qorti fuq talba analoga. Dana l-postulat huwa korollarju tal-prinċipju, li l-arrest personali "per dolo e frode" għandu jiġi applikat f'każi estremi, meta l-kreditur ma setgħax jottjeni l-ħlas b'mod ieħor, u l-Ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna waslet sal-pont li imponiet f'ċerti każi lill-kreditur l-esperiment tal-azzjoni Pawljana qabel ma jaġixxi għall-arrest personali (Kollez. XXX, 1, 595).

Ikkunsidrat:

Li, skond kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-

Qorti tal-Kummerċ fis-19 ta' April, 1951, fil-kawża fl-ismijiet "Anthony Borg noe vs Roger Sciberras" (Kollez. XXXV, 111, 567) it-talba għall-arrest personali b'dolo jew frodi m'għandiex tiġi milqugħa jekk ma tkunx intalbet dik id-dikjarazzjoni in via prinċipali. Del resto dina hija l-forma segwita per anologia f'materja ta' domanda ta' arrest personli, u każ simili insibuh ripetut meta dina l-Qorti tiġi adita in bażi għad-disposizzjoni tal-art. 359 (b) tal-proċ. Ċiv. "La domanda per stabilire il tempo e il modo di estinguere il debito è sempre preordinata a quella dell'arresto personale del debitore" (Kollez. XX, 1, 314 — 316); XXVIII, 1, 513,

Ikkunsidrat:

Li, in vista tal-imsemmija konsiderazzjonijiet, dina il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-attur, mingħajr l-oħra preambula tad-dikjarazzjoni li l-konvenut aġixxa b'dolo jew frodi, ma tistax tiġi milqugħa.

Għaldaqstant;

Tiddeċiedi, billi tilqa l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens ġja espost, u tiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.